## 18 ta' Ġunju, 1960

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmelo Grech

**Korruzzjoni ta' Minorenni — Xhieda — Prova — Kompliċi — Art. 634(2) tal-Kap. 12.**

*F'każ ta' korruzzjoni ta' minorenni fejn l-att tal-korruzzjoni jikkonsisti f'konġunġiment karnali kontra n-natura, il-minorenni ma jistgħax jitqies bħala kompliċi. U anki x-xhieda tiegħu biss, jekk emmnut, hi biżżejjed bħala prova kontra l-imputat, salva r-regola illi l-Prosekuzzjoni hi fl-obligu li ġġib il-provi kollha disponibbli.*

*Il-Qrati ta' Malta qatt ma abbraċċjaw it-teorija, propunjata minn xi skritturi, illi r-reat ta' korruzzjoni ma jeżistix meta l-minuri jkun ġa totalment korrott. Huma dejjem irritenew illi anki l-minuri korrott għandu d-dritt li ma jiġix ulteriorment korrott, hu x'inhu l-istadju tal-korruzzjoni tiegħu.*

Il-Qorti:— Rat l-atti tal-kumpilazzjoni miġbura fuq l-akkuża miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat, talli f'din l-aħħar sena, f'diversi drabi, b'egħmil żieni li jikkonsisti f'konġunġiment karnali kontra n-natura, ikkorrompa lil Henry Formosa, ta' sittax-il sena, bin Giuseppe, imwieled u joqgħod Valletta, persuna ta' taħt l-età;

Rat l-att tal-Attorney General tal-15 ta' Marzu 1960, li bih dawn l-attijiet ġew mibgħuta lura lill-Qorti tal-Maġistrati sedenti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabiex l-istess tiddeċidi fuq il-ħtija jew ħtijiet, barra kull ċirkustanza oħra, taħt dak li hemm maħsub fl-art. 217(1) (3) (a), 20, 49, 50 tal-Kodiċi Kriminali u fil-Government Notice nru. 337 tal-1940;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-29 ta' Marzu 1960, li biha dik il-Qorti ddeċidiet billi sabet lill-imputat ħati talli f'din l-aħħar sena, f'diversi drabi, b'egħmil żieni li jikkonsisti f'konġunġiment karnali kontra n-natura, ik-korrompa lil Henry Formosa, persuna ta' taħt l-età, u ddikjarat lill-imputat reċidiv f'delitt, u kkundannatu għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien ta' tletin xahar;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Fuq il-motiv li s-suġġett passiv Formosa kien kompliċi, u għalhekk ix-xhieda tiegħu weħedha ma' hix sufficjenti. L-imputazzjoni mhijiex ta' konġunġiment karnali kontra n-natura taħt l-art. 220 Kap. 12 bħala reat "ut sic", imma ta' korruzzjoni ta' minuri, b'dan li l-att ta' korruzzjoni jikkonsisti fil-konġunġiment pederastiku (proviso idem (a). F'każ simili, il-minorenni, li l-liġi riedet tipproteġi bħala tali, ma jistgħax jitqies kompliċi (ara App. Krim. "Pul. vs. Goldstein", 23 ta' Frar 1957);

Ingħad ukoll, fid-dibattitu quddiem din il-Qorti, li l-provi kontra l-imputat jikkonsistu biss fix-xhieda ta' xhud wieħed, il-minuri Formosa. Skond il-liġi maltija (art. 634(2) Kap. 12, meno f'ċerti każijiet indikati mil-liġi, anki x-xhieda ta' xhud wieħed biss hi biżżejjed, jekk emmnut, subordinatament għar-regola — idem(1) — li l-Prosekuzzjoni hi fl-obligu li ġġib il-provi kollha disponibbli:

S'intendi, reat ta' din ix-xorta jiġi kommess, almenu ġeneralment, bejn tnejn bil-moħbi, meta ma hemmx possibbiltà ta' xhieda. Hu veru, kif aċċenna d-difensur, li t-tendenza tal-ġurisprudenza ngliża hija li l-ġurati jiġu mwissijin dwar il-possibbiltà ta' perikolu li wieħed jiġi misjub ħati fuq ix-xhieda tas-suġġett passiv biss f'dawn il-każijiet ta' indeċenza (ara Crim. Law Review, Dec. 1959, paġ. 842); imma għall-imħallef togat dan jista' jfisser biss li għal dik ix-xhieda unika huwa għandu japplika bħas-soltu t-"tests" tal-kredibbilità fuq l-isfond kollu tal-każ, u jimxi fuqha biss jekk, kif del resto tgħidu l-liġi stess, hu jemminha. Minbarra x-xhieda tal-imsemmi Formosa hemm anki ċ-ċirkustanza tal-hekk imsejħin "varjanti" tal-imputat. Lill-Pulizija l-imputat għall-ewwel qalilha li ma kienx veru li Formosa qatt mar f'kamartu; in segwitu, peress li Formosa ddeskriva in dettaljo l-kamra tal-imputat, dan biddel l-ewwel versjoni, u qal li xi għaxart ijiem qabel ir-rapport Formosa mar biex jitolbu l-flus. Din il-varjanti ma tantx tispjega ruħha jekk mhux bl-inveridiċità tal-versjoni tal-imputat;

Ġie anki osservat, fil-kos tal-argumenti, li dan il-minorenni hu għal kollox korrott. Issa, hu veru li hemm xi skritturi, u forsi anki xi sentenzi esteri (ara monografija ta' Trentimaglia ntitolata "Corruzione di minorenne già corrotto", Riv. Pen. Supp. XIV, 8 e seg.). li rritenew li, meta l-minuri jkun ġa ppervjena għall-korruzzjoni totali, allura kull kuntatt libidinus wara dan l-istadju ma jirrendix l-aġent responsabbli. Il-Qrati ta' Malta, però, qatt ma abbraċċjaw din it-teorija perikoluża. Apparti li diffiċli li jiġi ġudikat jekk il-imnuri jkunx jew le wasal sal-aħħar estrem tal-vizzju, hu ndubitat li, anki meta l-minuri ma jkunx ġdid għall-prattiki venereji, ċjononostanti kull abbuż ieħor jaggravalu l-istat tiegħu korrott, u jirrendilu aktar diffiċli li jaqbad it-trieq tar-redenzjoni mill-vizzju;

Il-Qrati ta' Malta rritenew dejjem li anki l-minuri korrott għandu d-dritt li ma jiġix ulterjorment korrott, hu x'inhu l-istadju tal-korruzzjoni tiegħu; għax anki l-korrott għal kollox jista' irriġenera ruħu, kif ta' spiss jiġri, u ma għandux jiġi mpedut li jagħmel hekk minn min, għas-

sodisfazzjoni ta' l-istinti sesswali tiegħu, ikun irid jispinġieh u jżommu fuq it-trieq tal-vizzju;

Din il-Qorti ssib sewwa r-raġunamenti magħmulin mill-Ewwel Qorti, u tasal għall-istess konklużjoni;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.